



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 126/24

Il-Lussemburgu, 30 ta' Awwissu 2024

Emendi importanti tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru

Ir-regoli l-ġodda jimplimentaw l-emendi tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u jimmodernizzaw il-proċeduri quddiem iż-żewġ qrati

Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali emendaw ir-**Regoli tal-Proċedura** rispettivi tagħhom sabiex jimplimentaw l-emendi tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea deċiżi mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ¹. Fl-istess ħin, ir-regoli l-ġodda jimmodernizzaw u jissempifikaw il-proċeduri quddiem iż-żewġ qrati. L-abbozzi ta' emendi, ippreżentati mill-Qorti tal-Ġustizzja u, rispettivament, mill-Qorti Ġenerali, ġew approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, f'Ġunju, qabel ma ġew adottati formalment minn kull waħda minn dawn il-qrati f'Lulju ². Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja adottat verżjoni ġdida tal-**Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet** dwar il-kawżi mressqa quddiemha ³, u l-Qorti Ġenerali adottat verżjoni ġdida tad-**Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implimentazzjoni** tar-Regoli tal-Proċedura tagħha ⁴.

L-implimentazzjoni tal-emendi tal-Istatut

Parti mir-regoli l-ġodda għandha l-għan li timplimenta l-emendi tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dawn huma, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jippermettu t-trasferiment parzjali tal-ġurisdizzjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali, applikabbli mill-1 ta' Ottubru 2024 ⁵.

L-emendi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jispeċifikaw, l-ewwel nett, **il-modalitajiet tat-trattament inizjali tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiġi ddeterminata l-qorti kompetenti sabiex tittrattahom**. Sussegwentement, huma jintroduċu d-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jiġi ggarantit trattament mgħaġġel **tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari li l-Qorti Ġenerali tibgħat lura lill-Qorti tal-Ġustizzja** minħabba li jkunu jeħtieġu deċiżjoni ta' prinċipju li tista' taffettwa l-unità jew il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, huma jipprevedu **l-modalitajiet tat-tqegħid online**, f'terminu raġonevoli wara l-għeluq tal-kawża, **tal-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati** mill-partijiet interessati **fil-kawżi għal deċiżjoni preliminari** li ser ikunu s-suġġett ta' deċiżjoni mill-1 ta' Settembru 2024, ħlief fil-każ ta' **oġġezzjonijiet** min-naħa ta' parti. L-**Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet** il-ġodda jinkludu preċiżazzjonijiet dwar kif għandhom jiġu ppreżentati tali oġġezzjonijiet.

L-emendi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jirrigwardaw, fl-ewwel lok, ċerti aspetti li jikkonċernaw l-**istruttura u l-organizzazzjoni tal-Qorti Ġenerali**. B'mod partikolari, huma jipprevedu l-kostituzzjoni ta' **awla intermedja** bejn l-awli b'ħames Imħallfin u l-Awla Manja sedenti bi ħmistax-il Imħallf, li ser tkun komposta minn **disa' Mħallfin** u ser tkun ippresjeduta mill-**Viċi President tal-Qorti Ġenerali**. It-talbiet għal deċiżjoni preliminari ser jiġu assenjati lil **awli li jkunu speċifikament responsabbli sabiex jieħdu konjizzjoni ta' dawn il-kawżi** u li jkunu sedenti b'ħames Imħallfin, bla ħsara għall-possibbiltà li jintbagħtu lil kulleġġ ġudikanti ieħor, skont id-

diffikultà u l-importanza tal-kawża. L-Imħallfin mistennija jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' **Avukat Ġenerali fil-kawża għal deċiżjoni preliminari** u dawk li jissostitwixxuhom fil-każ ta' impediment għandhom jiġu eletti mill-Qorti Ġenerali u jassistu lill-kulleġġ ġudikanti kompetenti f'kull kawża għal deċiżjoni preliminari, fuq il-mudell tal-parteċipazzjoni tal-Avukati Ġenerali fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fit-tieni lok, regoli ġodda jipprevedu **I-modalitajiet li bihom it-talbiet għal deċiżjoni preliminari** mibgħuta mill-Qorti tal-Ġustizzja **ser jiġu ttrattati mill-Qorti Ġenerali**. Sabiex toffri lill-qorti nazzjonali, kif ukoll lill-partijiet interessati, l-istess garanziji bħal dawk applikati mill-Qorti tal-Ġustizzja, **il-Qorti Ġenerali rriproduċiet id-dispożizzjonijiet tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja applikabbli għat-talbiet għal deċiżjoni preliminari**, bla ħsara għal aġġustamenti intiżi li tinżamm il-koerenza globali tad-dispożizzjonijiet proċedurali li japplikaw għall-Qorti Ġenerali. Bl-istess mod, fir-rigward tat-trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari, id-**Dispożizzjonijiet prattiċi ta' implimentazzjoni** l-ġodda huma ispirati fil-parti l-kbira tagħhom mill-prassi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

L-emendi l-oħra tar-Regoli tal-Proċedura

Regoli oħra ma humiex marbuta mal-emendi tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u għandhom li għan li jtejbu, jissemplifikaw u jimmodernizzaw il-mod kif il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jitrattaw il-kawżi mressqa quddiemhom.

Fir-rigward tar-**Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja**, dispożizzjonijiet ġodda, intiżi li jieħdu inkunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba matul il-kriżi sanitarja, jipprevedu espressament il-possibbiltà, għall-partijiet jew għar-rappreżentanti tagħhom, li **jagħmlu t-trattazzjoni tagħhom permezz ta' videokonferenza**, b'osservanza tal-kundizzjonijiet legali u tekniċi speċifikati fl-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet. Barra minn hekk, ġew ippreċiżati r-regoli dwar il-protezzjoni tad-**data personali**, kif ukoll dwar il-**modi ta' preżentata u ta' notifika tal-atti proċedurali**. Fl-aħħar nett, fir-rigward tax-**xandir tas-seduti tal-Qorti tal-Ġustizzja**, li jikkontribwixxi għat-trasparenza u għall-aċċessibbiltà tal-ġustizzja, il-modalitajiet li diġà implimentati għas-seduti għas-sottomissjonijiet orali tal-Awla Manja u għas-seduti għall-għoti ta' sentenzi u għall-qari tal-konklużjonijiet, issa huma stabbiliti f'dispożizzjoni ġdida.

L-**Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet** il-ġodda, adottati mill-Qorti tal-Ġustizzja, jieħdu inkunsiderazzjoni l-emendi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u jipprovdu kjarifiki addizzjonali dwar diversi kwistjonijiet prattiċi marbuta mal-fażi bil-miktub jew orali tal-proċedura.

L-emendi l-oħra tar-**Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali** jirrigwardaw b'mod partikolari l-punti li ġejjin:

1. Tħassir tat-tariffi tar-**Reġistru** għall-estratti mir-reġistru, għall-kopji tal-atti proċedurali, kif ukoll għat-trażmissjonijiet tad-digriet u tas-sentenzi;
2. Modernizzazzjoni tar-regoli dwar il-**modi ta' preżentata u ta' notifika tal-atti proċedurali**;
3. Possibbiltà li **tittieħed sempliċi deċiżjoni** sabiex jiġu adottati miżuri proċedurali li sa issa kienu jeħtieġu l-adozzjoni ta' digriet (ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali u tgħaqqid tal-kawżi fl-assenza ta' talba għal trattament kunfidenzjali);
4. Limitazzjoni tat-terminu għall-preżentata ta' **adattament tar-rikors** meta att, li jkun qiegħed jintalab l-annullament tiegħu, jiġi ssostitwit jew emendat b'att ieħor li jkollu l-istess suġġett;
5. Possibbiltà li tiġi adottata direttament **miżura istruttoria li titlob informazzjoni jew il-produzzjoni ta' dokument** mingħajr l-adozzjoni minn qabel ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura;
6. Kjarifika u razzjonalizzazzjoni tar-regoli dwar l-**assenjazzjoni ta' talbiet anċillari** lil kulleġġ ġudikanti (rettifika, ommissjoni li tingħata deċiżjoni, oppożizzjoni għal sentenza fil-kontumaċja, oppożizzjoni minn terzi, interpretazzjoni, reviżjoni, kontestazzjoni dwar l-ispejjeż);
7. **Xandir tas-seduti tal-Qorti Ġenerali**, li tista' ssejtni biss wara d-dħul fis-sejtni ta' deċiżjoni ta'

implimentazzjoni.

Id-Dispożizzjonijiet prattiċi ta' implementazzjoni l-ġodda adottati mill-Qorti Ġenerali jispjegaw u jippreċiżaw id-dispożizzjonijiet tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fir-rigward tal-**protezzjoni tad-data personali**, it-**trattament kunfidenzjali ta' ċerta data** fir-rikorsi diretti, il-**preżentazzjoni tal-atti proċedurali u tal-annessi tagħhom**, kif ukoll il-**parteċipazzjoni fis-seduti**, inkluż permezz tal-**videokonferenza**.

Ir-Regoli tal-Proċedura l-ġodda, li jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2024, kif ukoll il-verżjonijiet ikkonsolidati tal-Istatut u tar-Regoli tal-Proċedura taż-żewġ qradi, huma aċċessibbli fis-sit Curia taħt it-taqsimiet [Il-Qorti tal-Ġustizzja/Proċedura](#) u [Il-Qorti Ġenerali/Proċedura](#).

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!



¹ Dawn l-emendi ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Awwissu 2024: [Regolament \(UE, Euratom\) 2024/2019](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; ara wkoll [Stqarrija għall-Istampa Nru 125/24](#).

² L-emendi inkwistjoni ġew ippubblikati wkoll f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Awwissu 2024: Emendi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja ([2024/2094](#)) u Emendi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali ([2024/2095](#)).

³ L-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet dwar il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ġew ippubblikati llum f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea: Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet ([2024/2173](#)).

⁴ Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implimentazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali ([2024/2097](#)).

⁵ Ara [Stqarrija għall-Istampa Nru 125/24](#).